MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2006

Citazzjoni Numru. 1209/2003

**Il-Kummissarju tal-Pulizija.**

**vs.**

**Edgar Borg.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 12 ta' Novembru 2003 a fol. 1 tal-process ipprezentata quddiem din il-Qorti kif presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri fejn gie premess:-

Illi permezz ta' decizjoni tal-15 ta' Mejju 2003 it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzja mwaqqaf bl-**Att VIII tal-1997 (Kap 394)** iddecieda dwar l-ilment maghmul lilu mill-konvenut billi filwaqt li laqa' l-eccezzjonijiet ta' l-

esponent dwar in-nuqqas ta’ hatra ghall-kariga ta’ Spettur fl-istess hin sab l-elementi ta’ ingustizzja u hass li ghandu *a tenur* ta’ l-**Artikolu 7 (9) (d) tal-Kap 394** jirrakkomanda li jsir hlas ta’ kumpens ta’ elfejn lira (Lm2,000) bl-ispejjez jibqghu bla taxxa. Dan kif jirrizulta wkoll mill-istess decizjoni tat-Tribunal fl-ismijiet **“Edgar Borg vs Kummissarju tal-Pulizija”** (Rik. Nru 750/97) tal-15 ta’ Mejju 2003 li kopja taghha hija hawn unita u mmarkata Dok. “A”.

Illi l-imsemmija decizjoni tat-Tribunal hija *ultra vires* il-poteri tieghu u nghatat bi vjolenza tal-ligi, marret *oltre* l-kompetenza tat-Tribunal, hija kontradittorja u ma segwietx il-proceduri rikjesti mil-ligi u naqset li tiehu konsiderazzjoni ta’ dak li kien rilevanti ghad-decizjoni filwaqt li hadet in konsiderazzjoni fatturi irrelevanti, u dan ghar-ragunijiet segwenti:-

i). Illi d-decizjoni ma kinetx giustifikata mill-provi li kienu irrizultaw lit-Tribunal billi ghall-kuntrarju kien fil-fatt irrizulta lit-Tribunal illi effettivament ir-rikorrent kien qed jilmenta (a) illi ma nghatax *re-sit* fl-ezami ghall-grad ta’ Spettur li sar wara s-sejha ghall-applikazzjonijiet numru 37/87 tat-22 ta’ Lulju 1987 f’liema ezami il-konvenut ma kienx talab *re-sit* wara li wehel u lanqas ma gab xi provi illi din il-fakolta` ta’ *re-sit* inghatat lil xi kandidat iehor f’dak l-ezami b’mod li kien jindika xi ingustizzja mal-konvenut, u (b) illi ma nghatax promozzjoni *“onoris causa”* wara s-sejha ghal applikazzjonijiet ghall-ezami ghall-grad ta’ Spettur numru 56/88 tal-25 ta’ Lulju 1988 li ghaliha r-rikorrenti ma kienx applika u (c) *in oltre* waqt il-kawza l-konvenut ilmenta illi ma kienx gie promoss permezz ta’ rakkomandazzjoni specifika lill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku kif kien sar biss f’kaz ta’ persuna ohra izda kien irrizulta lit-Tribunal illi tali promozzjoni li nghatat lil dan it-terz ma kinetx ingustifikata.

Illi t-Tribunal fil-fatt ikkonkluda billi laqa’ l-eccezzjonijiet ta’ l-esponenti dwar in-nuqqas ta’ hatra ghall-kariga ta’ Spettur u ghalhekk ma hemm ebda bazi legali jew logika ghas-sejbien ta’ ingustizzja u ghar-rakkomandazzjoni ta’ kumpens fit-termini ta’ l-**artikolu 7 (9) (d) tal-Kap 394** lill-

konvenut. Huwa car illi fin-nuqqas ta' bazi ghal sejbien illi tkun saret xi "ingustizzja b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara" ghall-konvenut fit-termini ta' l-**artikolu 6 (1) ta' l-Att VIII tal-1997** it-Tribunal ma jgawdix diskrizzjoni illi jirrakkomanda kumpens. Illi ghalhekk meta wasal ghall-imsemmija decizjoni abbazi tal-provi migjuba quddiemu t-Tribunal naqas mill-obbligu tieghu li jagixxi ragjonevolment u li ma jezercitax il-poteri tieghu b'mod arbitrarju u illi jiddeciedi abbazi ta' dak li huwa rilevanti.

ii). Illi d-decizjoni marret *oltre* l-kompetenza tat-Tribunal *stante* illi t-Tribunal huwa kompetenti biex jaghti rimedju biss fejn jirrizulta li saret ingustizzja bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 fit-termini ta' l-**Att VIII tal-1997** u jekk jikkundanna lill-intimat u jaghti rimedju fejn tali ingustizzja ma rrizultax mill-provi, it-Tribunal ikun qieghed jaghti decizjoni li huwa m'huwiex kompetenti biex jaghti bhal ma gara f'dan il-kaz. Fil-fatt ladarba laqa' l-eccezzjonijiet ta' l-esponent it-Tribunal ma seta' jaghmel xejn izjed hlief illi jillibera lill-esponent mit-talbiet u ma setax xorta wahda "isib l-elementi ta' ingustizzja" u jirrakkomandaw kumpens.

iii). Illi t-Tribunal naqas li jsegwi l-procedura stabbilita bil-ligi billi huwa marbut illi jiddeciedi abbazi ta' provi migjuba quddiemu u fil-limiti tal-kompetenza specjali tieghu, haga li huwa naqas li jaghmel meta effettivament irrakkomanda li jinghata kumpens talli persuna li ma ghaddietx minn ezami ghal promozzjoni ma nghatatx il-promozzjoni u talli persuna li lanqas ma applikat ghal ezami ghal promozzjoni ma nghatatx dik il-promozzjoni;

iv). Illi d-decizjoni impunjata hija wkoll *ultra vires* il-poteri tat-Tribunal billi permezz taghha t-Tribunal minghajr ma huwa moghti awtorita` mil-ligi intrometta ruhu fil-mod kif ghanhom jinghataw il-promozzjonijiet fil-Korp tal-Pulizija u ma illimitax ruhu ghall-parametri ta' dak li jistipula l-**Kap 394** u dan *nonostante* li tali promozzjonijiet jaqghu taht l-iskrittura tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fit-termini ta' l-**artikolu 110 tal-Kostituzzjoni**.

Illi ghalhekk l-istess attur talab lill-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara li d-decizjoni tat-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji fl-ismijiet **"Edgar Borg vs Kummissarju tal-Pulizija** (Rikors 750/97) tal-15 ta' Mejju 2003 hija nulla ghax hija *ultra vires* il-poteri ta' l-imsemmi Tribunal ghar-ragunijiet premessi;

2. Thassar, tirrevoka u tannulla l-imsemmija decizjoni.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur a fol. 4 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u dokument esebit a fol. 6 u 7 tal-process liema dokument qieghed immarkat bhala Dok "A" li huwa kopja tad-decizjoni tat-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji fl-ismijiet **"Edgar Borg vs Kummissarju tal-Pulizija** (Rikors 750/97) tal-15 ta' Mejju 2003 kollox minn fol. 8 sa fol. 19 tal-process;

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smiegh nhar is-26 ta' Novembru 2003 minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri ghas-seduta tal-21 ta' Jannar 2004 fejn il-Qorti ordnat digriet ta' l-affidavit lill-attur sabiex sad-data ta' l-appuntament tal-kawza jipprezenta l-affidavit tieghu u tax-xhieda minnu indikati, li jistghu isiru bil-procedura ta' l-affidavit, bid-dokumenti kollha relattivi, bin-notifika lill-kontro-parti jew lid-difensuri tal-kontro-parti u b'riserva ta' kontro-ezami.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta datata 23 ta' Dicembru 2003 a fol. 26 tal-process fejn gie eccepit:-

Illi l-azzjoni kontemplata minn l-attur hija nulla u dan peress illi l-**Att VIII tal-1997 (Kap 394)** ma jikkontemplax appell minn decizjoni tat-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji. Illi jekk wiehed jara sewwa t-talbiet u l-kawzali tac-citazzjoni odjerna jara illi din il-kawza kull ma hija tentattiv sabiex jigi varjat dak li ddecieda t-Tribunal imsemmi.

2. Illi l-mertu tar-rikors numru 750/97 fl-ismijiet **“Edgar Borg vs Kummissarju tal-Pulizija”** huwa llum *res judicata* u ghalhekk il-Qorti ladarba ma gewx disturbati principji ta’ dritt naturali u dak li dwaru ddecieda l-imsemmi Tribunal.

3. Illi fil-mertu, is-sentenza tal-15 ta’ Mejju 2003 fl-atti tar-rikors **“Edgar Borg vs Kummissarju tal-Pulizija”** hija wahda korretta u t-Tribunal li ddecieda l-istess rikors ma marx *ultra vires* fid-decizjoni tieghu.

4. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuta a fol. 27 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tal-21 ta’ Jannar 2004 (fol.28) fejn deher Dr.Edward Gatt ghall-konvenut prezenti u Dr. Peter Grech ghall-attur. Il-kawza giet differita ghat-trattazzjoni dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut ghas-17 ta’ Marzu 2004; tas-17 ta’ Marzu 2004 fejn deher Dr. Peter Grech ghall-attur, u l-konvenut assistit minn Dr. Edward Gatt. Giet trattata l-ewwel eccezzjoni. Il-kawza giet differita ghat-28 ta’ Mejju 2004 ghas-sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni; tat-28 ta’ Mejju 2004; tat-22 ta’ Ottubru 2004 fejn meta ssejhet il-kawza ma deher hadd. Il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tat sentenza preliminari fejn **cahdet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut**. Il-kawza giet differita ghall-1 ta’ Dicembru 2004 ghall-kontinwazzjoni; tal-1 ta’ Dicembru 2004 fejn deher l-Ispettur Simon Galea, rapprezentant tal-Kummissarju tal-Pulizija. Il-kawza giet differita ghad-9 ta’ Frar 2005 ghat-trattazzjoni dwar it-tieni eccezzjoni; tad-9 ta’ Frar 2005 fejn deher Dr. Peter Grech ghall-Kummissarju tal-Pulizija u l-konvenut assistit minn Dr. Edward Gatt. Il-Qorti ordnat l-allegazzjoni, ma’ l-atti odjerni, ta’ l-att quddiem it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ l-Ingustizzji u li s-sentenza tinsab esebita a fol.8 *et sequitur* tal-process. Il-kawza giet differita ghall-1 ta’ Marzu 2005 ghal dan l-iskop; tal-1 ta’

Marzu 2005 fejn deher Dr. Peter Grech ghall-attur u Dr. Angelo Farrugia ghall-konvenut. Il-Qorti ordnat lir-Registratur jiehu konjizzjoni tad-digriet tad-9 ta’ Frar 2005 tat-Tribunal. Il-kawza giet differita ghas-6 ta’ April 2005 ghall-allegazzjoni ta’ l-atti tat-Tribunal.

Rat is-sentenza ta’ din il-Qorti diversament presjeduta datata 22 ta’ Ottubru 2004 fejn giet michuda l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut, tali sentenza a fol. 50 sa 54 tal-process.

Rat il-kopja mehuda mill-originali tar-rikors **“Edgar Borg vs Kummissarju tal-Pulizija”** Nru.750/97 ipprezentata fit-3 ta’ Marzu 2005 kif tidher a fol. 58 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tas-6 ta’ April 2005 fejn deher Dr.Edward Gatt ghall-konvenut prezenti. Il-Qorti osservat li l-atti, kopja ta’ l-inkartament tat-Tribunal tinsab inserita fil-process. Il-kawza giet differita ghat-trattazzjoni dwar it-tieni eccezzjoni ghas-27 ta’ Mejju 2005; tas-27 ta’ Mejju 2005 fejn dehru d-difensuri tal-partijiet u deher l-Ispettur Simon Galea ghall-Kummissarju tal-Pulizija, u l-konvenut Edgar Borg. Giet trattata t-tieni eccezzjoni u l-kawza giet differita ghat-28 ta’ Ottubru 2005 ghas-sentenza fuq it-tieni eccezzjoni; tat-28 ta’ Ottubru 2005, fejn meta ssejhet il-kawza ma deher hadd. Inghatat sentenza *in parte* fejn il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri, iddecidiet li tirrispingi t-tieni eccezzjoni u ordnat il-prosegwiment tal-kawza fuq it-tielet eccezzjoni. Il-kawza giet posposta u meta regghet issejhet deher Dr. Peter Grech ghall-attur. Il-kawza giet differita ghat-18 ta’ Jannar 2006 ghat-trattazzjoni dwar it-tielet eccezzjoni.

Rat ir-rikors tal-Kumissarju tal-Pulizija datat 12 ta’ Jannar 2006 a fol.169 tal-process fejn talab bir-rispett lill-Qorti joghgobha takkordalu differiment tas-smiegh tal-kawza fl-ismijiet premessi ghal data sussegwenti. Il-Qorti, kif illum presjeduta, bid-digiriet taghha moghti fis-17 ta’ Jannar 2006, laqghet it-talba.

Rat l-ordni ta' din il-Qorti kif illum attwalment presjeduta datata 18 ta' Jannar 2006 u l-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti hekk presjeduta tat-23 ta' Frar 2006 (fol.173) fejn dehret Dr.Roma D'Alessandro flok Dr.Peter Grech ghall-Kummissarju tal-Pulizija, li nfurmat lill-Qorti li Dr.Peter Grech kien indispost. Il-konvenut u d-difensuri tieghu Dr.Edward Gatt u Dr.Angelo Farrugia ssejhu diversi drabi baqghu ma dehrux. Dr.Roma D'Alessandro, ghall-attur, talbet li tipprezenta nota ta' osservazzjonijiet. Il-Qorti laqghet it-talba u pprefiggiet terminu ta' tletin (30) gurnata lill-attur biex jipprezenta n-nota ta' osservazzjonijiet bil-visto/notifika lid-difensur tal-kontro-parti li jkollu tletin (30) gurnata biex jirrispondi, mid-data tan-notifika tan-nota ta' osservazzjonijiet, b'dan li jekk in-nota attrici ma tigix ipprezentata fit-terminu ndikat, it-terminu ghan-nota tal-konvenut jibda jghaddi mill-gheluq tat-terminu moghti lill-attur. Il-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghad-9 ta' Mejju 2006. Aktar tard deher Dr.Edward Gatt li ha konjizzjoni tal-verbal; tad-9 ta' Mejju 2006 fejn deher Dr.Peter Grech ghall-attur. Il-konvenut, Dr.Edward Gatt u Dr.Angelo Farrugia ssejhu diversi drabi baqghu ma dehrux. Dr.Grech talab l-ahhar terminu biex jipprezenta n-nota t' osservazzjonijiet. Il-Qorti kkonfermat id-digriet taghha tat-23 ta' Frar 2006 bhala terminu biz-zmien jghaddi mid-data ta' dan il-verbal. Il-kawza giet differita ghas-sentenza in difett ostakolu ghat-30 ta' Novembru 2006.

Rat in-nota tal-konvenut datata 8 ta' Gunju 2006 (fol.175) li biha ghamel biss referenza ghal sentenza moghtija fis-6 ta' Gunju 2006 mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Superjuri) fl-ismijiet **"Il-Kummissarju tal-Pulizija vs Walter Tanti"** Cit. Nru. 879/2000, liema kawza hija fil-mertu identika ghal dik odjerna.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi ma hemmx dubju li din il-kawza istitwita mill-attur titratta dwar ezercizzju ta' *judicial review* minn decizzjoni moghtija mit-Tribunal ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji stabbilit bl-**artikolu 3 tal-Att Numru VIII tal-1997 – Kapitolu 394 tal-Ligijiet ta' Malta,** u din il-kwalita` ta' azzjoni hija permessibbli li ssir anke fl-isfond tal-gurisprudenza nostrali fosthom dak enuncjat fis-sentenzi tal-Onorabbli Qorti tal-Appell tas-17 ta' Mejju 1993 fl-ismijiet **"Dottor Vincent Falzon *nomine* vs Isabelle Grima"** (Vol. LXXVII. Ii. 292) u **"Wilfred Privitera vs Anthony Bonello"** (11 ta' Frar 1993) fejn inghad illi ghalkemm Tribunal jew Bord jista' jinghata b'ligi il-gurisdizzjoni esklussiva sabiex jiddeciedi kazijiet specifici, bl-esklussjoni tal-Qrati ordinarji, l-istess qrati ordinarji xorta huma kompetenti biex jissindakaw l-operat tal-istess Tribunal u s-sentenzi tieghu *"pero' limitatament ghall-tliet kategoriji ta' difetti - (a) eccess ta' gurisdizzjoni, (b) non osservanza ta' l-istess ligi kostitwita - …… u finalment (c) non-osservanza ta' xi wiehed mill-principji fondamentali tal-gustizzja".*

Illi tal-istess portata hija is-sentenza fl-ismijiet **"Thomas Montalto vs Maggur Stanley J. A. Clews et"** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta' Mejju 1987 (Vol. LXXI. iii. 688) fejn wara li l-istess Qorti stabbilit illi t-Tribunal Industrijali ma huwiex *"qorti"* fit-termini tad-disposizzjonijiet relattivi tal-Kostituzzjoni, kkonfermat li l-Prim'Awla ghandha gurisdizzjoni doppja fuq l-istess Tribunal u cioe` li tara li dan l-istess organu gudizzjarju jimxi skond il-ligi u fil-limiti tal-ligi, u b'hekk ma jesorbitax il-kompetenza tieghu, u wkoll li l-istess Tribunal jimxi skond il-Kostituzzjoni u b'hekk ma jkun hemm ebda ksur tad-drittijiet fondamentali tal-bniedem.

Illi b'hekk ukoll l-istess sentenza irribadiet dak li ntqal fis-sentenza **"Vincent Galea vs Chairman tal-Kummissjoni dwar u s-Servizz Pubbliku"** (Qorti Kostituzzjonali - 21 ta' Jannar 1985 – Vol. LXIX.i.1) u cioe` li l-fatt li awtorita' gudizzarja ghandha kompetenza esklussiva f'certu materja, u anke fil-kazijiet fejn l-iskrutinju tal-Qorti huwa prekluz milli jezamina jekk tali awtorita bhal Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku qdietx il-funzjoni taghha, xorta l-

istess Qorti ghandha kompetenza li tara li d-drittijiet fondamentali tal-bniedem ma gewx mittiefsa, u li tali Awtorita' agixxiet fil-parametri taghha skond il-ligi. Illi fuq kollox dan kollu huwa wkoll sancit fl-**artikolu 124 (10) tal-Kostituzzjoni** in konnessjoni ma' awtoritajiet hemm kostitwiti, bhal appuntu l-istess Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku, u ghalhekk *multo magis* l-istess principji japplikaw ghall-Tribunali kostitwita b'ligi *ad hoc.*

Illi huwa sintomatiku ghalhekk dak li nghad fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta f'din il-kawza stess fl-ismijiet **'Il-Kummissarju tal-Pulizija vs Edgar Borg"** (P.A. (NC) – 22 ta' Ottubru 2004) fejn gew ikkonfermati dawn il-proncipji u l-limitazzjoni ta' ezami li tista' taghmel din il-Qorti f'cirkostanzi bhal dawn tant illi gie ribadit li:-

*"Il-Qorti tosserva li dan it-Tribunal bhal kull Tribunal iehor statutorju kostitwit b'ligi ad hoc, huwa soggett ghall-istharrig gudizzjarju bil-ghan li jigi accertat li jkun mexa* <u>*skond il-ligi u fil-limiti tal-ligi*</u> *u b'hekk ma jkunx ecceda l-kompetenza tieghu emanenti mill-Att kostituttiv l-istess Tribunal; kif ukoll ghandu jigi sindikat mill-qrati jekk it-Tribunal mexiex skond il-Kostituzzjoni bil-harsien tad-drittijiet fondamentali tal-bniedem".*

*"Il-premess isib il-bazi guridika tieghu fil-gurisprudenza konstanti li assodat li taghti lil qrati ordinarji l-gurisdizzjoni limitata li tissindika decizjonijiet tat-Tribunal Industrijali, ghal tlett kategorij ta' difetti (a) eccess ta' gurisdizzjoni, (b) non osservanza ta' l-istess ligi kostitwita, u (c) non osservanza ta' xi wiehed mill-principji fondamentali tal-gustizzja – gurisdizzjoni hekk limitata li pero' ma taghmilx il-qrati ordinarji qrati ta' revizjoni jew addirittura Qrati ta' Appell; u il-gurisdizzjoni esklussiva konferita ex lege lit-Tribunal fil-funzjoni taghha u fl-apprezzament tal-fatti tibqa' impregudikata".*

*"Dan kollu huwa sancit fl-artikolu 124 (10) tal-Kostituzzjoni in konnessjoni ma' awtoritajiet kostitwiti bhal Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku, u ghalhekk multo magis l-istess principji japplikaw ghal Tribunal kostitwiti b'ligi "ad hoc". Il-Kostituzzjoni fl-Artikolu precitat espressament tistipula*

*"ebda disposizzjoni ta' din il-Kostituzzjoni illi xi persuna jew awtorita' ma tkunx suggetta ghad-direzzjoni jew kontroll minn xi persuna jew awtorita' ohra fl-ezercizzju ta' xi funzjonijiet skond din il-Kostituzzjoni ma ghandha tiftiehem bhala li tipprekludi qorti milli tezercita gurisdizzjoni dwar xi kwistjoni jekk dik il-persuna jew awtorita' tkun qdiet il-funzjonijiet skond din il-Kostituzzjoni jew xi ligi ohra. Artikolu tal-Ligi li kjarament jissogetta lil kull persuna u lil kull Awtorita' li taqdi funzjoni pubblika, ghall-iskrutinju tal-qrati bil-ghan li jigi accertat li l-poter lilhom moghti qed jigi ezercitat skond u fil-limiti tal-ligi, kemm ordinarja kif ukoll u dik kostituzzjonali."*

Illi hawn issir ukoll riferenza ghas-sentenza **"Il-Kummissarju tal-Pulizija vs Walter Tanti"** (P.A. (RCP) 23 ta' Mejju 2005)

*"Illi kif inghad ghalhekk fis-sentenzi fuq citati u fil-kawza fl-ismijiet* ***"Il-Kummissarju tal-Pulizija u il-Prim' Ministru vs Joseph Rizzo"*** *(P.A. (RCP) 3 ta' Ottubru 2000) din il-Qorti hija hekk limitata fil-gurisdizzjoni taghha, b'mod li tara li l-istess Tribunal ma agixxiex ultra vires u li gew osservati il-principji tal-gustizzja naturali, u bl-ebda mod ma ghandu jintormetti fil-kwistjoni li giet ex lege mhollija fil-kompetenza esklussiva tal-istess Tribunal, b'dan ghalhekk li l-ezercizzju li taghmel din il-Qorti certament ma huwiex wiehed ta' revizzjoni u zgur mhux wiehed ta' Qorti ta' Appell, b'mod li m'ghandha qatt tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal dik tal-istess Tribunal".*

Illi huwa ghalhekk li l-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti hija ghalhekk limitatata kif fuq indikat, u senjatament li dan it-Tribunal ikun agixxa *intra vires* il-poteri konferiti lilu, fil-limiti tal-Ligi kostituttiva tieghu, u li gew osservati d-drittijiet fondamentali tal-bniedem sanciti mill-Kostituzzjoni (**"Il-Kummissarju tal-Pulizija vs Christian Spiteri"** (P.A. (G.V.) 30 ta' Gunju 2000).

Illi tenut kont ta' dan kollu jinghad li fid-decizjoni tat-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' l-Ingustizzji fl-ismijiet **"Edgar Borg vs Kummissarju tal-Pulizija"** tal-15 ta' Mejju 2003 inghad li gie ezaminat dak li sar in segwitu ta'

l-applikazzjonijiet ghall-grad ta’ Spettur fil-1987 u in segwitu ghall grad ta’ Spettur fil-1988, kif ukoll ghall-hatra diretta minghajr applikazzjonijiet u sabet li l-istess rikorrenti kien persuna kapaci u abbli hafna u anke speccjalizzat wara kors li ghamel il-Germanja fuq drogi, li wara l-istess applika ghall-ezami ta’ Spettur skond cirkolari numru 69/87 datata 30 ta’ Novembru 1987 li r-rikorrenti kien ghadda mill-ewwel parti ta’ l-ezami, izda ma kienx ghadda mit-tieni parti; dan l-ezami sar taht il-Kontroll tar-Registratur ta’ l-Ezamijiet li ma kienx parti mill-kawza u ghalhekk f’dan il-kuntest it-Tribunal ma setax isib li saret ingustizzja mill-intimat, l-attur odjern; harget cirkolari ohra 56/88 tal-25 ta’ Lulju 1988 ghall-hatra ta’ Spettur, li izda r-rikorrenti ma applikax ghaliha, izda f’dan il-kaz sittax-il persuna li ma ghaddewx inghataw l-opportunita’ li jergghu jaghmlu l-ezami (*re-sit*) u dawk li ma ghaddewx lanqas minn dan, sar dak li ssejjah bhala *“high powered interviewing board”* li kawza ta’ l-istess sebgha minnhom inghataw il-grad ta’ Spettur; minbarra dan kien hemm almenu kaz wiehed fejn persuna saret Spettur bla ma harget cirkolari, u ghalhekk wara li ra dan kollu l-istess Tribunal ikkonkluda li:-

*“Izda xorta wahda jibqa’ l-fatt li r-rikorrenti la gawda taht nomina bhal dik, la bbenifika minn xi ri-sit ta’ ezami bhal dawk is-sittax li bbenefikaw minnu u anqas gie moghti l-fakulta` bhas-sebgha l-ohra li lahqu permezz ta’ interview u mhux ta’ ezami”.*

*“Dan kollu jwassal ghall-fatt li r-rikorrenti ma rnexxilux jipprova li l-fatt li ma lahaqx jammonta ghal ingustizzja minhabba li dwar l-ezami tal-1987 ir-rikors gie istitwit kontra l-Kummissarju tal-Pulizija u dwar tal-1988 minhabba li ma applikax. Izda jibqa’ lampanti l-fatt li bniedem rinomat ghall-kapacita’ tieghu bhar-rikorrenti ghal raguni jew ohra ma giex moghti l-fakolta’ ghal re-sit, ghal nomina diretta, jew ghall hatra wara interview. U hawnhekk wiehed isib l-elementi tal-ingistizzja li sofra r-rikorrenti. Ghal dawn il-motivi fil-waqt li jilqa’ l-eccezzjoni tal-intimat dwar in-nuqqas ta’ hatra ghall-kariga ta’ Spettur, fl-istess hin isib l-elementi ta’ ingustizzja u jhoss li*

*ghandu a tenur tal-Art.7 (9) (d) tal-Kap 394 jirrakkomanda li jsir hlas ta' kumpens ta' elfejn lira (Lm2,000).*

Illi l-attur odjern qed jghid li din id-decizjoni hija *ultra vires* il-poteri tat-Tribunal peress li la darba l-istess Tribunal laqa' l-eccezzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija dwar in-nuqqas ta' hatra ghall-kariga ta' Spettur ghalhekk ma hemm ebda bazi legali jew logika ghas-sejbien ta' ingustizzja u ghar-rakkomandazzjoni ta' hlas ta' kumpens lill-konvenut. Sostna li fin-nuqqas tat-Tribunal li saret ingustizzja konsgewenza ta' xi distinzjoni, eskluzzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghall-konvenut fit-termini ta' l-**artikolu 6 (1) ta' l-Att VIII tal-1997**, it-Tribunal ma setax jaghti kumpens – b'hekk naqas li jagixxi ragonevolment u ma jezercitax il-poteri tieghu b'mod arbitrarju u jiddeciedi abbazi ta' dak li huwa relevanti.

Illi skond il-gurisprudenza gja citata jidher car li l-ezami li ghandha taghmel din il-Qorti huwa wiehed limitat ghal dak li huwa *judicial review* ghall-istharrig ta' xi element tassew gravi bhal meta l-istess Tribunal ikun mar *ultra vires* il-funzjonijiet tieghu u l-poteri lilu mohtija, jew ghall-ksur tal-principju ta' gustizzja naturali, jew fejn id-decizjoni tkun kontra xi ligi miktuba, u dan kif gie deciz fil-kawzi fuq citata ta' **"Avv. Vincent Falzon Nomine vs Isabelle Grima"** (A.C. – 17 ta' Mejju 1993) u ikkonfermata bis-sentenzi **"Universita' ta' Malta vs Carmen Hili"** (P.A. (PS) – 2 ta' Ottubru 2003) u **"John Camilleri et nomine et vs George Falzon"** (P.A. (PS) 8 ta' Frar 2006). Ghalhekk ma hemm l-ebda dubju li f'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti bhala Qorti ordinarja trid toqghod ferma attenta li zzomm ruhha strettament fil-parametri tal-poteri residwali ghas-sitwazzjonijiet fuq imfissra, b'mod li ma tingeriex fl-ezercizzju tad-diskrezzjoni tat-Tribunal ta' l-elementi ta' fatt jew li tissindika l-interpretazzjoni legali illi dan ikun ghamel u dan kif sew inghad fis-sentenza **"Michael Mallia nomine vs Carmel Debono et"** (A.C. 13 ta' Frar 1997).

Illi gia inghad li dwar il-kompetenza tat-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' l-Ingustizzji jinghad li skond l-**artikolu 6**

**tal-Att VIII tal-1997**, l-istess Tribunal ghandu s-setgha li jisma' u jaqta' dwar kull ilment miktub li jsir minn kull individwu li jallega li jkun garrab ingustizzja b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, esklussjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha, jew ta' xi inkapacita' jew restrizzjoni li kellha iggarrab, b'xi azzjoni mehuda mill-Gvern jew korp imwaqqaf b'ligi skond kif provdut **fl-Artikolu 2** tal-istess Att dwar:-

(a) hatriet, promozzjonijiet, jew trasferimenti ta' ufficjali pubblici;

(b) hatriet, promozzjonijiet jew trasferimenti ta' membri ufficjali jew impjegati ta' xi korp imwaqqaf b'ligi;

(c) dhul ta' impjieg;

(d) licenzi jew permessi mehtiega bil-ligi;

(e) kull haga ohra li tista' tigi approvata b'risoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati.

Illi imbaghad skond l-**artikolu 7 (9) (b)** jinghad li:-

*"Fid-decizzjoni tieghu, it-Tribunal jaqta' dwar jekk ikunx gustifikat u sabiex jasal ghal dik id-decizzjoni ghandu jqis il-ligijiet, regolamenti jew disposizzjonijiet tal-Estacode li kienu fis-sehh filwaqt ta' l-att jew omissjoni li fuqu jkun imsejjes l-ilment";*

*(c) Meta it-Tribunal jaqta' li lment ikun gustifikat kollu kemm hu jew f'parti minnu, dan ghandu bla hsara ghad-disposizzjonijiet tal-paragrafu (d) ta' dan is-subartikolu, li jinghata rimedju kompensattiv, b'gharfien tal-ligijiet, regolamenti u disposizzjonijiet tal-Estadcode li jkunu fis-sehh fid-data tar-rakkomandazzjoni.*

*(d) Meta skond il-ligijiet, regolamenti jew disposizzjonijiet tal-Estacode ma jkunx possibbli li it-Tribunal jordna rimedju kompensattiv, it-Tribunal jista' jirrakkomanda li jsir*

*hlas ta' kompens li fl-ebda kaz m'ghandu jaccedi l-ammont ta' hames t'elef lira Maltija".*

Illi imbaghad **is-subartikolu (11) tal-istess artikolu 7** jipprovdi li "*jkun dmir tal-Prim Ministru li jimplimenta r-rakkomandazzjonijiet tat-Tribunal billi jistabbilixxi l-proceduri u jaghti dawk id-direttivi li jkunu mehtiega ghat-twettiq ta' dawk ir-rakkomandazzjonijiet".*

Illi kif inghad id-decizzjoni tal-istess Tribunal, li *di piu'* tinsab esebita bhala Dok. "A" a fol. 8 tal-process, iddisponiet li l-ilmenti tal-konvenut odjern kienu gustifikati fis-sens li huwa kien sofra ingustizzja meta inghad li *"jibqa' l-fatt lampanti li bniedem rinomat ghall-kapacita' tieghu bhar-rikorrenti ghal xi raguni jew ohra ma giex moghti l-fakolta' ghal re-sit, ghal nomina diretta, jew ghall-hatra wara inrterview. U hawnhekk wiehed isib l-elementi tal-ingustizzja li sofra r-rikorrenti. Ghal dawn il-motivi fil-waqt li jilqa' l-eccezzjonijiet tal-intimat dwar in-nuqqas ta' hatra ghal kariga ta' Spettur, fl-istess hin isib elementi ta' ingustizzja u jhoss li ghandu a tenur tal-Art. 7 (9) (d) tal-Kap 394 jirrakkomanda li jsir il-hlas ta' kumpens ta' elfejn lira (Lm2,000). Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa".*

Illi hawn wiehed jidhol fil-mertu tal-azzjoni attrici fejn l-istess attur qed jikkontendi li d-decizzjoni tat-Tribunal tal-Ingustizzji tal-15 ta' Mejju 2003 fil-kaz fl-isimijiet **"Edgar Borg vs Kummissarju tal-Pulizija"** hija nulla u bla effett *stante* li d-decizzjoni tal-istess Tribunal hija *ultra vires* il-poteri tieghu u inghatat bi vjolazzjoni tal-ligi, hija kontradittorja, ma segwietx il-proceduri tal-ligi u naqset li tiehu konsiderazzjoni ta' dak li kien relevanti ghad-decizjoni fil-waqt li hadet in konsiderazzjoni fatturi irrelevanti.

Illi fil-fatt ir-rikorrenti jallega li d-decizjoni ma kinetx gustifikata mill-provi li kienu irrizultaw lit-Tribunal billi ghall-kuntrarju kien fil-fatt irrizulta lit-Tribunal illi effettivament ir-rikorrent kien qed jilmenta (a) illi ma nghatax *re-sit* fl-ezami ghall-grad ta' Spettur li sar wara s-sejha ghall-applikazzjonijiet numru 37/87 tat-22 ta' Lulju 1987 f'liema

ezami il-konvenut ma kienx talab *re-sit* wara li wehel u lanqas ma gieb xi provi illi din il-fakolta` ta' *re-sit* inghatat lil xi kandidat iehor f'dak l-ezami b'mod li kien jindika xi ingustizzja mal-konvenut, u (b) illi ma nghatax promozzjoni *"onoris causa"* wara s-sejha ghall-applikazzjonijiet ghall-ezami ghall-grad ta' Spettur numru 56/88 tal-25 ta' Lulju 1988 li ghaliha r-rikorrenti ma kienx applika, u (c) *in oltre* waqt il-kawza l-konvenut ilmenta illi ma kienx gie promoss permezz ta' rakkomandazzjoni specifika lill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku kif kien sar biss f'kaz ta' persuna ohra, izda kien irrizulta lit-Tribunal illi tali promozzjoni li nghatat lil dan it-terz ma kinetx ingustifikata. Illi t-Tribunal fil-fatt ikkonkluda billi laqa' l-eccezzjonijiet ta' l-esponenti dwar in-nuqqas ta' hatra ghall-kariga ta' Spettur u ghalhekk ma hemm ebda bazi legali jew logika ghas-sejbien ta' ingustizzja u ghar-rakkomandazzjoni ta' kumpens fit-termini ta' l-**artikolu 7 (9) (d) tal-Kap 394** lill-konvenut. Huwa car illi fin-nuqqas ta' bazi ghal sejbien illi tkun saret xi *"ingustizzja b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara"* ghall-konvenut fit-termini ta' l-**artikolu 6 (1) ta' l-Att VIII tal-1997** it-Tribunal ma jgawdix diskrizzjoni illi jirrakkomanda kumpens. Illi ghalhekk meta wasal ghall-imsemmija decizjoni abbazi tal-provi migjuba quddiemu t-Tribunal naqas mill-obbligu tieghu li jagixxi ragjonevolment u li ma jezercitax il-poteri tieghu b'mod arbitrarju u illi jiddeciedi abbazi ta' dak li huwa rilevanti.

Illi dwar dan l-ewwel ilment din il-Qorti tinnota li kif hemm sew fic-citazzjoni attrici l-ilmenti tal-intimat fir-rikors tieghu quddiem it-Tribunal kienu diversi u mhux limitati biss ghall-meta ghamel l-ezami u ma ghadhiex izda wkoll ghal diversi istanzi ohra fejn persuni ohra inghataw facilitajiet, okkazzjonijiet jew opportunitajiet ohra sabiex jiehdu l-grad ta' Spettur, liema opportunatijiet ma gewx moghtija lill-konvenut; ir-risposta ta' l-attur datata 20 ta' Novembru 1997 fil-proceduri quddiem it-Tribunal, kif wiehed jista' jikkonstata mill-istess a fol. 68 ta' dan il-process, kienet limitata ghal dak li sehh fit-22 ta' Lulju 1987 u ghal dak li sehh fit-30 ta' Novembru 1987, u ma kien hemm xejn dwar *re-sits*, nomini diretti jew hatra wara *interview*, u kien

proprju fuq dawn l-opportunitajiet li inghataw lil haddiehor u mhux lill-konvenut odjern li l-istess Tribunal ta d-decizjoni tieghu u sab favur l-istess konvenut, ir-rikorrenti quddiemu, u dan sar fil-limiti ta' dak li jipprovdi l-imsemmi **artikolu 6 ta' l-istess Kap 394** u b'hekk ma hemm l-ebda dubju li l-istess Tribunal sab li kien hemm ingustizzja kif indikata mir-rikorrenti u fit-termini ta' l-imsemmi artikolu, u sa hawn u hawn biss ghandha tasal din il-Qorti abbazi ta' l-insenjamenti fuq indikati, u f'dan il-kuntest din il-Qorti thoss li l-istess Tribunal agixxa *intra vires.*

Illi l-istess attur sostna wkoll li d-decizjoni marret *oltre* l-kompetenza tat-Tribunal *stante* illi t-Tribunal huwa kompetenti biex jaghti rimedju biss fejn jirrizulta li saret ingustizzja bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 fit-termini ta' l-**Att VIII tal-1997** u jekk jikkundanna lill-intimat u jaghti rimedju fejn tali ingustizzja ma rrizultatx mill-provi, t-Tribunal ikun qieghed jaghti decizjoni li huwa m'huwiex kompetenti biex jaghti bhal ma gara f'dan il-kaz. Fil-fatt ladarba laqa' l-eccezzjonijiet ta' l-esponent it-Tribunal ma seta' jaghmel xejn izjed hlief illi jillibera lill-esponent mit-talbiet, u ma setax xorta wahda *"isib l-elementi ta' ingustizzja"* u jirrakkomanda kumpens.

Illi dwar dan it-tieni ilment din il-Qorti tirreferi ghal dak li gja inghad dwar l-ewwel ilment, fejn huwa necessarju li wiehed irid jara fl-assjem tieghu kemm ir-rikors tar-rikorrenti odjern quddiem l-istess Tribunal u kemm ir-risposta ta' l-istess intimat, l-attur odjern, fl-atti ta' l-istess procedura quddiem it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' l-Ingustizzji, u wkoll id-decizjoni hemm moghtija fl-intier taghha li ma llimitatx ruhha ghall-avveniment wiehed izda ghall-aggravji kollha mressqa mir-rikorrenti fir-rikors tieghu quddiemu, u kien f'dan il-kuntest li l-istess Tribunal sab li saret l-ingustizzja u dan lil'hinn minn dak kontenut fir-risposta ta' l-attur, li kienet biss limitata ghal dak fiha kontenut, izda mhux ghal-lamentali kollha tar-rikorrenti quddiem l-istess Tribunal, li t-Tribunal kien fid-dover li jinvestiga kif fil-fatt ghamel b'ezitu favorevoli favur l-istess rikorrenti, l-konvenut odjern f'din il-kawza. Dan sar kollu fl-ambitu u fil-kompetenza esklussiva ta' l-istess Tribunal u fl-ambitu tal-poteri tieghu fil-**Kap 394,** u certament li ma

sar xejn kontra l-ligi u f'dan il-kuntest ma hemm xejn kontradittorju fl-istess decizjoni u fil-motivazzjonijiet ta' l-istess, anzi jidher li l-istess Tribunal elenka fejn fl-opinjoni tieghu fl-istess decizjoni b'mod car fejn kien hemm ingustizzja fil-konfront tar-rikorrenti u din kienet konsistenti fin-nuqqas ta' fakolta' li jinghata *re-sit*, nomina diretta, jew hatra wara *interview*, opportunitajiet li nghataw lill-haddiehor fl-istess korp, u li dwar l-istess opportunitajiet ir-risposta ta' l-intimat f'dik il-procedura ma kienet semmiet xejn. Dan ifisser li anke dan l-aggravju ma huwiex fondat u dan ghaliex ma giex ippruvat li l-istess Tribunal agixxa *ultra vires.* Sa hawn biss jista' jasal l-ezami ta' din il-Qorti u dan ghaliex dan il-forum ma huwiex wiehed ta' Appell minn decizjoni ta' l-istess Tribunal.

Illi l-attur sostna wkoll li t-Tribunal naqas li jsegwi l-procedura stabbilita bil-ligi billi huwa marbut illi jiddeciedi abbazi ta' provi migjuba quddiemu u fil-limiti tal-kompetenza specjali tieghu, haga li huwa naqas li jaghmel meta effettivament irrakkomanda li jinghata kumpens talli persuna li ma ghaddietx minn ezami ghal promozzjoni ma nghatatx il-promozzjoni u talli persuna li lanqas ma applikat ghal ezami ghall-promozzjoni ma nghatatx dik il-promozzjoni;

Illi dwar dan l-ilment din il-Qorti thoss li ma hemm assolutament l-ebda prova li t-Tribunal ma mexiex bil-procedura stabbilita fl-istess **Kap 394** u certament jidher li l-principji ta' gustizzja naturali u proceduri mandatorji sabiex iwasslu lit-Tribunal ghat-tehid tad-decizjoni, minnu gew ilkoll osservati, nkluzi dawk indikati fl-**artikolu 7 tal-Kap 394**. F'dan il-kuntest issir referenza wkoll ghal dak li nghad fis-sentenza *in parte* moghtija minn din il-Qorti f'din l-istess kawza fl-ismijiet **"Il-Kummissarju tal-Pulizija vs Edgar Borg"** (P.A. (NC) – 28 ta' Ottubru 2005) fejn inghad:-

*"Illi rigward l-ahhar zewg aspetti, il-Qorti tikkondividi t-tesi tal-konvenut li f'dan il-kaz ma tirraviza ebda vjolazzjoni tad-dritt naturali jew kostituzzjonali. In propositu, ghat-tieni aspett, ma gie sollevat ebda ilment fis-sens li ma gewx osservati l-principji tad-dritt naturali. Rigward it-tielet*

*aspett, huwa opportun li jigi osservat b'referenza ghar-raba' kazwali ta' l-attur, li l-att kostituttiv stess fl-artikolu 6 (1) jaghti poter lit-tribunal li jiehu konjizzjoni ta' ngustizzji relattivi ghall-"appointments, promotions, or transfers of public officers"* u *allura inkluzi membru tal-Korp tal-Pulizija, gjaladarba mhux eskluzi mill-ligi – ubi voluit lex dixit".*

Illi min-naha l-ohra kemm-il darba dan l-ilment qed jattakka id-decizjoni fil-mertu, din il-Qorti thoss li minn ezami tal-process relattiv, l-istess decizjoni nghatat abbazi tal-provi sottomessi quddiem l-istess Tribunal, u l-ingustizzja li t-Tribunal sab kienet kif minnu ndikata fl-istess decizjoni tieghu u mhux limitata ghal dak indikat fil-paragrafu (iii) tac-citazzjoni attrici, ovvjament ghaliex dak li gie mitlub jiddeciedi l-istess Tribunal ma kienx skond ir-rikors ta' quddiemu, limitat ghal dak li jinghad fil-paragrafu (iii) tac-citazzjoni attrici – anzi jidher car mill-istess decizjoni li l-konsiderazzjonijiet kienu hafna iktar ampji minnhekk.

Illi dwar l-ahhar ilment fejn jinghad li l-istess decizjoni kienet *ultra vires* ghaliex t-Tribunal intrometta ruhu fil-mod kif ghandhom jinghataw il-promozzjonijiet fil-Korp tal-Pulizija u dan skond l-allegati limitazzjonijiet fil-**Kap 394** u wkoll fid-dawl ta' dak kontenut fil-**artikolu 110 tal-Kostituzzjoni,** din il-Qorti thoss li din il-lamentela hija wkoll bla ebda bazi u dan kemm ghal dak li nghad fis-sentenzi **"Il-Kummissarju tal-Pulizja vs Joseph Rizzo"** (P.A. (RCP) – 3 ta' Ottubru 2000) u **"Il-Kummissarju tal-Pulizja vs Walter Tanti "** (P.A. (RCP) – 23 ta' Mejju 2001) fejn jidher car li l-Pulizija bl-ebda mod ma gew eskluzi mill-istat Att kostwittiv, u wkoll li l-istess disposizzjonijiet tal-**Kap 394** u ta' **artikolu 110 tal-Kostituzzjoni,** jistghu jezistu flimkien, u ma hemm xejn li jwaqqaf u jhaddem l-operazzjoni taz-zewg dispozizzjonijiet tal-ligi, u dan kif gie ppruvat diversi drabi u kif l-istess decizjoni tat-Tribunal tikkonferma, iktar u iktar meta l-istess Tribunal jista' biss abbazi ta' l-**artikolu 6 (9) tal-Kap 394** jirrakkomanda l-hlas ta' kumpens, rakkomandazzjoni li fil-fatt l-istess Tribunal ghamel.

Illi ghalhekk abbazi tal-premess it-talbiet attrici qed jigu michuda peress li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' t-tielet eccezzjoni tal-konvenut, **tichad it-talbiet attrici bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn fuq indikati.**

Bl-ispejjez ta' din id-decizjoni kontra l-attur b'dan li l-ispejjez tad-decizjonijiet tat-22 ta' Ottubru 2004 u tat-28 ta' Ottubru 2004 dwar l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenut ghandhom jibqghu a karigu tal-konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------